MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2014

Numru 627/2014

**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**VS**

**MARCO MELI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Marco Meli ta' 37 sena, bin Joseph u Maria Theresa nee' Ellul, mwieled Pieta' fit- 12 ta' Ottubru 1976, residenti 35, Triq San Gorg, Luqa u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 556876M ;

> Talli matul ix- xahar ta' Jannar 2014 ghall- qliegh jew ghat- tqassim jew ghall- wiri f' post pubbliku jew f' post accettabli ghall- pubbliku, immanifattura, stampa jew xort' ohra ghamel, jew dahhal f' Malta jwe akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampa, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 208 tal- Kap 9 tal – Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah disa’ (9) xhur prigunerija sospizi ghal tlitt (3) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Tikkundannah multa ta’ elfejn ewro (€2,000).

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------